**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 2670**

Kaz Nru: 3772/JG

Fit-Tilwima tax-Xoghol

Bejn

General Workers' Union

U

Malta Freeport Terminals

*dwar: allegazzjoni illi l-Malta Freeport Terminals naqset milli taghti lura l-grad u l-kariga ta' F lil Roger Grech (ID 215977M) bi ksur tal-ftehim kollettiv*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**
**Membri: Is-Sur Chris Attard u s-Sur Joseph Farrugia**

**Illum 18 ta' Settembru, 2020**

**Introduzzjoni**

Il-kumpanija permezz ta' l-Avukat Joseph Zammit Maempel argumentat li l-Union rikonoxxuta mill-kumpanija Malta Freeport Terminals Ltd hija l-UHM (Unjoni Haddiema Maqghudin) liema Union kienet iffirmat ftehim kollettiv mal-kumpanija li ghadu vigenti. Ghaldaqstant hija l-UHM biss li tista tirregistra tilwima mal-kumpanija u ebda union ohra u allura f'dan is-sens il-kumpanija ma tistax tkun f'tilwima mal-GWU u b'konsegwenza, t-Tribunal Industrijali m'ghandux jisma' dan il-kaz u minflok, jirrifjutah.

Minn naha l-ohra l-GWU permezz ta' l-Avukat Abigail Critien argumentat li hi mhix qed tghid li l-GWU hija l-union rikonoxxuta jew li t-tilwima hija dwar xi aspett intrinsiku mill-Ftehim Kollettiv imma qed tghid li fil-konfront tal-membru taghha s-Sur Roger Grech, il-GWU qed tiddefendi d-dritt tal-membru taghha, li skont hi, gew vjolati fil-qafas ta' dak li jghid il-Ftehim Kollettiv vigenti. Il-GWU sostniet li dan qed taghmlu tramite d-drittijiet li hija ghandha bhala union registrata bhala tali kif ukoll id-drittijiet li kull haddiem ghandu quddiem il-kostituzzjoni u l-ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal ried jara jekk fil-fatt hiex il-union rikonoxxuta f'post tax-xoghol biss li tista tirregistra u tmexxi 'lquddiem tilwima dwar ix-xoghol ma' kumpanija jew principal.

Minn naha l-ohra jekk tilwima tista tigi registrata u mmexxija 'lquddiem anki minn union li mhiex rikonoxxuta f'post tax-xoghol allura b'liema mod dan sa jsehh biex filwaqt li l-haddiem partikolari ikun rapprezentat, id-drittijiet tal-union rikonoxxuta fuq il-post tax-xoghol, l-integrita' tal-ftehim kollettiv miftiehem mal-kumpanija, kif ukoll id-drittijiet tal-kumpanija fir-relazzjoni taghha mal-union rikonoxxuta, jkunu salvagwardjati fl-intir taghhom.

**Konsiderazzjonijiet**

Kap 452 artikli 63 u 64 jitkellem dwar id-drittijiet u l-protezzjonijiet akkordati lilunion u l-assocjazzjoni ta' min ihaddem u f'dawn l-artikli ma ssir l-ebda distinzjoni bejn union rikonoxxuta jew ohra li mhiex. Ghaldaqstant ma hemm xejn li jindika li hija l-union rikonoxxuta biss li tista tirregistra u tmexxi 'lquddiem tilwima dwar ix-xoghol.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta taghti d-dritt ta' l-assocjazzjoni filwaqt li kull haddiem ghandu d-dritt li jaghzel huwa liema union tirrapprezentah. Ma' dan wiehed izid li l-avviz legali 413 (2016) legislazzjoni sussidjarja 452.112 (2016) tinsisti li ebda persuna ma tista tinterferixxi, taghmel forza jew b'xi mod iehor tohloq dannu lil impjegat minhabba li dahal f'union.

Meta wiehed jiehu dawn l-aspetti flimkien johrog car li kull haddiem ghandu d-dritt li jaghzel il-union li jemmen li tista tghinu l-aktar u takkordalu l- protezzjoni biex dan id-dritt effettivament, igawdih. Barra minn hekk kap 452 artikli 63 u 64 jakkordaw dawk id-drittijiet, lil min jirrapprezenta lil haddiem, li jista' juza b'mod lecitu biex bl-ahjar mod possibbli, jiddefendi d-drittijiet tal-membru tieghu.

Min naha l-ohra l-Ligi ta' Malta ma tieqafx hawn imma taghmel provvedimenti cari fejn jidhlu unions li huma rikonoxxuti fuq il-post tax-xoghol. L-avviz legali 413 (2016) li jgib fis-sehh il-legislazzjoni sussidjarja 452.112 (2016) fl-artiklu 5 tispjega l-effett ta' dan l-istatus billi tghid li:

> *Ġaladarba union tiġġi rikonoxxuta bħala l-unika union li tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol, l-ebda union oħra ma tista tintervjeni fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati mal-prinċipal, u min-naħa l-oħra, l-ebda prinċipal ma jista' jiddiskuti xi materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati ma' union li mhijiex il-union rikonoxxuta.*

Hawn jidher car li fejn jidhlu kwistjonijiet ta' xoghol li jolqtu l-kollettiv tal-haddiema hija l-union rikonoxxuta biss li tista tinnegozja mal-principal u b'konsegwenza, tiehu dawk id-decizjonijiet leciti biex tmexxi 'lquddiem il-kwistjoni tax-xoghol favur il-haddiema mpjegati mal-principal partikolari. Minn naha l-ohra l-principal obbligat li jinnegozja biss mal-union rikonoxxuta fejn jidhol il-kollettiv.

Pero dan ifisser ukoll li l-bieb huwa miftuh ghal dik il-union jew unions li jridu jirrapprezentaw haddiema ndividwali fuq kwistjonijiet li mhumiex kollettivi. Min naha l-ohra ma hemm xejn li jzomm lil principal li jidhol f'djalogu ma' union jew unions li jkunu qed iressqu kwistjonijiet individwali.

It-Tribunal jirriafferma li, haddiem individwali ghandu d-dritt li jissieheb ma' liema union jixtieq, liema ghazla ghandu d-dritt li jezercita' fil-liberta' u minghajr pressjoni u li anki jgawdi il-frott ta' din is-shubija li tinkludi ukoll li jkun rapprezentat mill-union ta' l-ghazla tieghu, fi kwistjoni tax-xoghol individwali, kemm il-darba l-union ta' l-ghazla tieghu ma tkunx il-union rikonoxxuta. Pero', d-dritt tal-haddiema rapprezentat minn union mhux rikonoxxuta jieqaf sa kwistjoni tax-xoghol individwali u xejn izjed. L-istess ghal principal li d-dritt tieghu li jiddjaloga ma' union li mhiex rikonoxxuta jieqaf ma' kwistjoni ndividwali biss u xejn izjed.

Minn naha l-ohra union li mhiex rikonoxxuta ghandha d-dritt li ssieheb fi hdana membri mpjegati ma' principal li fuq il-post tax-xoghol diga tezisti union rikonoxxuta, li tirrapprezenta lil membri taghha fuq kwistjonijiet tax-xoghol individwali u mhux kollettivi u li tiehu dawk id-decizjonijiet leciti biex tissalvagwardja id-drittijiet tal-membri taghha.

Minkejja dan, union li mhiex rikonoxxuta la tista tbiddel, izzid jew tnaqqas mill-provvedimenti tal-ftehim kollettiv miftiehem bejn il-union rikonoxxuta u l-principal ghaliex hija biss limitata ghal kwistjonijiet tax-xoghol, fil-konfront individwali tal-membru partikolari taghha, u fil-qafas tad-drittijiet u l-obbligi li johorgu mill-istess ftehim kollettiv.

**Decizjoni**

Ghalhekk it-Tribunal wara li ra s-sottomissjonijiet kollha u sema' d-deliberazzjonijiet tal-partijiet jiddeciedi li l-GWU tista tirrapprezenta lir-rikorrent s-Sur Roger Grech u ghalhekk it-Tribunal jkompli jisma l-kaz.

| **(iffirmat)** | **(iffirmat)** | **(iffirmat)** |
|---|---|---|
| Joseph Gerada | Chris Attard | Joseph Farrugia |
| Chairman | Membru | Membru |